SOC. FIL. NAZ. LA VALETTE

THE OFFICIAL CONCERT CELEBRATION

TRA CIELO E CINEMA

20TH JUNE 2026

PJAZZA TEATRU RJAL, VALLETTA

Engineering Dreams.

Pilot's Watch Chronograph 41 Le Petit Prince, Ref. 3881
The spirit that leads the Little Prince beyond his asteroid continues to inspire us at IWC Schaffhausen: driven by curiosity, courage, and the pursuit of new horizons. Powered by the IWC-manufactured 69385 calibre, this 41-millimetre stainless steel chronograph pays tribute to Antoine de Saint-Exupéry's beloved tale. The deep blue, sunray-finished dial recalls the vastness of space – created for those who never stop exploring what lies beyond the horizon. **IWC. Engineered.**

IWC Boutique Malta
8D Republic St · Valletta

Gioielleria ZAMPA

IWC SCHAFFHAUSEN

TRA CIELO E CINEMA

Unur u glorja mużikali 3
Messaġġ mis-Sindku tal-Belt Valletta 5
Messaġġ mis-Segretarju Ġenerali 7
Tra Cielo e Cinema 9
Music enriches Us 13
La Valette Storja Mnaqqxa Mill-Aqwa Surmastrijiet 17
Il-mużika ta' Mons. Marco Frisina 23
Memorji miċ-Ċelebrazzjonijiet tal-150 sena mis-sehem tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette fil-festa ta' San Pawl 25
It-Teatru Rjal u s-Società Filarmonica Nazionale La Valette 27
Mons. Marco Frisina 35
Nello Salza 37
Mro Dominic Darmanin 39
Rosabelle Bianchi 41
Alan Sciberras 43
Cappella Musicale Cæciliana 45
Jacob Portelli 47
Ennio Morricone: Il-Maġija, il-Melodija u l-Wirt tiegħu fiċ-Ċinema Dinjija 49
Mons. Marco Frisina u l-Mużika għall-Films 53
Ringrazzjamenti 59
Riklami 60

Bord Editorjali
Chairman:
Jonathan Paul Grima

Segretarju:
Carl Farrugia

Ġbir ta' riklami:
Mario Bonello
Michael Borg
Sergio Zampa
Carlo Zampa

Ritratti:
Mill-Arkivji
Carl Farrugia

Disinjatur:
Carl Farrugia

Stampar:
BONNICI'S PRESS Est. 1924

36, St Paul Street, Valletta
Tel: 21 224607

Kumitat tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette 2025-2027

President	Is-Sur Jonathan Paul Grima
Viċi President	Is-Sur Sergio Zamtpa
Segretarju Ġenerali	Is-Sur Mario Bonello
Kaxxier	Is-Sur Edgar Grech Cumbo
Direttur Ġenerali u tal-Billiard	Is-Sur Simon Farrugia
Direttur tal-Bar	Is-Sur Michael Borg
Delegat tal-Banda	Is-Sur Simon Farrugia
Arkivista	Is-Sur Gilbert Farrugia
Assistent Segretarju	Fr Victor Paul Farrugia
Assistent Kaxxier	Is-Sur Emi Bonnici
Assistent Direttur tal-Billiard	Is-Sur Joseph Cremona
Assistent Direttur Ġenerali	Is-Sur Keith Farrugia
PRO	Is-Sur Carmelo Zammit
Kordinatur	Is-Sur Alan Xerri
Direttur Spiritwali	Fr Victor Paul Farrugia
Surmast Direttur	Mro Dominic Darmanin
Assistent Surmast Direttur	Mro James Chappell
Assistent Surmast Direttur	Mro Gilbert Farrugia

Società Filarmonica
Nazionale La Valette
297, Triq ir-Repubblika,
Il-Belt Valletta VLT1110
Tel: +356 21221818
Email:
lavaletteband1874@gmail.com
Website:
www.bandalavalette.org
Facebook: Società Filarmonica
Nazionale La Valette - A.D. 1874

STAY
FRESH
CISK
LAGER
MALTA'S
FINEST
CISK
LAGER
ORIGINAL RECIPE
INDEPENDENT BREWERS
SINCE 1928
ENJOY YOUR CISK RESPONSIBLY
drinkawaremalta.com
for the facts
www.cisk.com

Unur u glorja mużikali

Messaġġ mill-President

Għeżież Membri u Ammiraturi tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette

Meta wieħed ikun qed jirrappreżenta Società f'pajjiżna huwa ta' ġieħ li lill-wirt kulturali li nsibu f'Malta imma wkoll fil-Belt Kapitali tagħna. Is-Società tagħna hija parti integrali mill-ħajja ta' kuljum u nsibu diversi nies ġenwini li jiltaqgħu u jagħmlu l-ħajja tas-soċjetajiet f'Malta bil-volontarjat fil-mużika u l-wirt kulturali .

Is-Società Filarmonica Nazionale La Valette wara ċ-ċelebrazzjonijiet tal-150 mit-twaqqif tagħha se terġa' ttella' programm ta' livell għoli bl-isem *Tra Cielo e Cinema,* programm b'differenza b'żewġ kompożituri kbar fil-mużika internazzjonali Mro Ennio Morricone u Mro Mons Marco Frisina.

Kunċert li se jkun hawn fostna t-trumbettista ta' fama mondjali Nello Salza (Omaggio a Ennio Morricone) li se jinterpreta mużika magħrufa tal-kompożitur Ennio Morricone.

Mons. Marco Frisina għal dan il-programm se jidderieġi xogħlijiet famużi mill-pinna tiegħu minn soundtracks bibbliċi kif ukoll mużika magħrufa tiegħu.

Is-sabiħ ta' dan il-programm huwa li s-Società se terġa' tidħol iddoqq fit-Teatru Rjal din id-darba b'differenza tal-binja, f'teatru miftuħ.

F'din il-lejla mużikali ma nistax ma nsellimx u nirringrazzja lis-Surmast Direttur tagħna Mro Dominic Darmanin, l-Assistenti Surmastrijiet Mro James Chappell u Mro Gilbert Farrugia li malli ħriġna b'din l-idea sabiħa kienu warajja u wara l-kumitat u l-kummissjonijiet biex din is-serata tkun suċċess.

Kunċert bħal dan irid ikollu nies ta' livell għoli fosthom is-Sopran Rosabelle Bianchi, it-Tenur Alan Sciberras, u l-Kor Cappella Ceaciliana taħt id-direzzjoni ta' Mro Abraham D'Amato kif ukoll il-preżentaturi s-Sur Mario Micallef u Sa Valerie Vella.

Fl-aħħar nett nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom biex dan il-kunċert seta' jitella' u ma nistax ma nirringrazzjax lilkom tal-preżenza tagħkom li tħeġġuna nkomplu jkollna suċċessi u nżommu l-glorja tal-ewwel banda dokumentat fil-Belt Kapitali ta' pajjiżna.

Siam de la Valette!

Jonathan Paul Grima
President
Società Filarmonica Nazionale La Valette

BRIJU

We work closely with you to create
the perfect culinary experience in exclusive venues
— because every event is *unique.*

CATERING FOR EVERY OCCASION

Weddings | Corporate Events | Home Dining | Outdoor Catering

VISIT BRIJU.COM.MT OR CONTACT US AT EVENTS@BRIJU.COM.MT
FOR MORE INFORMATION.

Messaġġ mis-Sindku tal-Belt Valletta

Huwa ta' pjaċir għalija li nagħti merħba sabiħa lil dawk kollha li qed jattendu dan il-kunċert speċjali organizzat mis-Società Filarmonica Nazionale La Valette, iddedikat għall-wirt rikk tal-mużika Taljana u l-kompożituri ċelebri mill-kamp mużikali taċ-ċinema.

Għal sekli sħaħ, il-Belt Valletta kienet tinsab f'salib it-toroq tal-kultura Mediterranja, trawwem skambju artistiku u tħaddan tradizzjonijiet mużikali li sawru l-identità tagħna. Fost dawn l-influwenzi, il-kontribut tal-mużika Taljana jokkupa post distint. Ix-xogħlijiet ta' kompożituri ċelebri Taljani ilhom jirreżonaw fit-teatri, il-knejjes, il-każini tal-baned u l-pjazez pubbliċi tagħna, u saru parti integrali mill-wirt kulturali ta' Malta.

Is-Società Filarmonica Nazionale La Valette ser tkompli tonora din it-tradizzjoni permezz tal-impenn tagħha għall-eċċellenza mużikali u l-involviment tal-komunità. Permezz ta' avveniment uniku u fl-istess ħin rari għall-ġeneru tiegħu fejn ser jitella' kunċert propju fi Pjazza Teatru Rjal fill-qalba tal-Belt Valletta bl-isem ta "Tra Cielo e Cinema" fejn ser jindaqqu diversi siltiet ċelebri mużikali taċ-ċinema bis-sehem ta' Nello Salza li ser jomaġġja lil Ennio Morricone bis-sehem tal kompożitur ċelebri Mons. Marco Frisina fost l-oħrajn.

Permezz ta' dan il-kunċert, is-Soċietà mhux biss tippreserva l-wirt artistiku, iżda tintroduċi wkoll ġenerazzjonijiet ġodda għas-sbuħija eterna tar-repertorju taċ-ċinema Taljan.

Nifraħ lill-President ħabrieki Jonathan Grima, lill-kumitat, lis-Surmast Direttur Dominic Darmanin, lill-mużiċisti u lil dawk kollha li d-dedikazzjoni tagħhom għamlet din l-okkażjoni possibbli. L-isforzi tagħhom jarrikkixxu l-ħajja kulturali tal-Belt Kapitali tagħna u jsaħħu l-valuri tal-kreattività, l-edukazzjoni u l-kburija ċivika li tispira l-mużika.

Jalla din il-lejla tipprovdi ispirazzjoni u apprezzament imġedded għall-kontribut dejjiemi tal-kompożituri Taljani fil-qasam ta' ċinema u għall-wirt mużikali kondiviż miż-żewġ nazzjonijiet tagħna.

Nawgura kull suċċess għal dan il-kunċert u għall-isforzi kontinwi tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette.

Olaf Mc Kay
Sindku tal-Belt Valletta.

BIG BUSINESS?

WE SUPPORT
BIG LEAPS

SQUARE CONSULTING LTD.

185E, Old Bakery Street, Valletta VLT 1455

+356 7949 4395

www.squareconsultingltd.com
contact@antoineportelli.com

square
CONSULTING LTD.

Messaġġ mis-Segretarju Ġenerali

Għeżież mistiedna,

F'isem il-kumitat u membri kollha tas-Società Nazionale Filarmonica La Valette nagħtikom merħba kordjali għal dan il-kunċert speċjali ddedikat lill-mużika immortali tal-kompożitur illustri Ennio Moricone u Mons. Marco Frisina.

Din is-serata tirrappreżenta mument ieħor sinifikanti fil-ħidma kulturali u artistiku tal-banda tagħna, li dejjem kienet impenjata sabiex toffri produzzjonijiet mużikali ta' livell għoli u jkomplu jsaħħu l-valur tal-mużika filarmonika fi ħdan il-komunità taghna.

Il-mużika ta' Ennio Moricone tibqa' meqjusa bħala waħda mill-ogħla espressjonijiet artistiċi fil-qasam ċinematiku internazzjonali. Permezz tal-melodiji uniċi u l-orkestrazzjoni raffinata tiegħu, huwa rnexxielu joħloq xogħlijiet li għadhom sallum jolqtu lill-udjenzi madwar id-dinja kollha.

Min-naħa l-oħra l-mużika ta' Mons. Marco Frisina din id-darba se jkollna ċ-ċans nismgħu mużika mis-soundtracks tal-films minn dan is-Surmast.

Għal dan il-kunċert, il-pubbliku ser ikollu l-opportunità jgawdi interpretazzjonijiet mużikali minn maestri u mużiċisti internazzjonali, li flimkien mas-Società Filarmonica Nazionale La Valette ser inwasslu programm ta' livell artistiku distint u ta' esperjenza mużikali memorabbli.

Nixtieq nesprimi r-ringrazzjament tiegħi lil dawk kollha li ħadmu sabiex din il-produzzjoni segħtet issir realtà, kif ukoll, il-pubbliku għall-appoġġ kontinwu tagħkom lejn il-ħidma kulturali tas-Società tagħna.

Nawguralkom lejla mill-isbaħ ta' mużika u arti.

Mario Bonello
Segretarju Ġenerali



Come Visit Us
Triq iċ-Ċiklamini, San Ġwann
(Next to Lidl)
and the new outlet in
55, Triq Santa Luċija, Valletta

5 BEANS

Tra Cielo e Cinema

Ino Bonello

Qed nikteb dawn il-ftit ħsibijiet mill-esperjenza tiegħi fid-dinja taċ-ċinema. Mhux bħala mużiċist, u wisq anqas bħala kritiku tal-mużika, imma bħala xenografu, persuna li taħdem bl-ispazju, mal-immaġni u mal-atmosfera. Xogħli ħafna drabi jkun marbut ma' dak li jidher fuq l-iskrin, imma wkoll ma' dak li jinħass mingħajr ma jidher. Għalhekk dawn huma sempliċement riflessjonijiet personali dwar il-mod kif jiltaqgħu flimkien l-immaġni u l-mużika.

Fiċ-ċinema nibnu dinjiet differenti. Xi kultant kbar u wesgħin, xi kultant intimi ħafna. Triq vojta, kamra, deżert, wiċċ ta' persuna. Kollox ikun maħsub, mibni u mqiegħed b'attenzjoni. Imma dejjem ħassejt li l-immaġni waħedha qatt ma tkun biżżejjed kompletament. Dejjem ikun hemm xi ħaġa nieqsa.

Hawnhekk tidħol il-mużika.

Mhux bħala dekorazzjoni, u lanqas bħala xi ħaġa li takkumpanja biss ix-xena, imma bħala element li jibdel kompletament dak li nkunu qed naraw. L-istess xena, b'mużika differenti, issir xi ħaġa oħra. Tinbidel. Tieħu ruħ differenti.

Bħala persuna li naħdem fuq in-naħa viżiva taċ-ċinema, dan dejjem ħassejtu b'mod qawwi ħafna. Xi drabi tħares lejn xena u tinduna li dak li bnejt huwa biss nofs l-emozzjoni. Il-kumplament jiġi minn xi mkien ieħor li ma tistax tmissu jew tikkontrollah.

Il-mużika li se nisimgħu llejla, ħafna minnha ta' Ennio Morricone, għandha proprju din il-kwalità. Fil-westerns, pereżempju, l-ispazju jidher kbir, vojt u sieket. Ftit li xejn jingħad, u ftit li xejn jiċċaqlaq, ħlief f'xi mumenti ta'

RADICI

CUCINA MEDITERRANEA

58, Melita Street, Valletta, Malta, VLT 1122
Tel: 2152 3586



azzjoni qawwija. U madankollu, kollox ikun miexi l-ħin kollu. It-tensjoni, l-istennija, il-piż tal-mument... mhux l-immaġni biss iżżommhom ħajjin. Hija l-mużika li tagħtihom in-nifs.

Mingħajrha, dawk il-pajsaġġi jibqgħu sempliċement pajsaġġi. Magħha, isiru xi ħaġa li tidħol ġewwa fik.

F'ġeneri oħra, il-vjaġġ jinbidel. Nersqu aktar qrib lejn il-memorja, lejn il-bniedem, lejn dawk il-mumenti fraġli li jgħaddu malajr imma jibqgħu fina għal snin twal. Films bħal Malèna jew Nuovo Cinema Paradiso ma jitkellmux b'vuċi għolja. Huma films li joqogħdu qrib tagħna, fil-ġilda. U anke hawnhekk, hija l-mużika li twassal dak li diffiċli tgħidu bil-kliem. Mhux tispjega. Mhux tinsisti. Sempliċement tibqa' hemm, bil-kwiet, sakemm xi ħaġa ġewwa fik twieġeb għaliha.

U mbagħad, kważi mingħajr ma tindunna, il-mużika tibda tinbidel għal livell ieħor. Mhux b'mod drammatiku, imma bħallikieku tiftaħ spazju aktar wiesa' u profond. Hemm mumenti, speċjalment f'xogħlijiet bħal The Mission, fejn il-mużika kważi tinfired mix-xena nnifisha. Ma tibqax marbuta ma' karattru jew ma' mument partikolari. Issir xi ħaġa oħra, differenti.

Xi ħaġa aktar intima. Aktar profonda.

Tista' ssejħilha spiritwali. Jew sempliċement umana, fl-aktar forma wiesgħa tagħha.

Forsi hawnhekk jibda jinftiehem tassew it-titlu ta' din is-serata: Tra Cielo e Cinema. Mhux bħala żewġ dinjiet separati, imma bħala spazju ta' bejnithom. Post fejn dak li naraw u dak li nħossu ma jibqgħux l-istess ħaġa.

Meta llejla nneħħu l-immaġni u nħallu biss il-mużika, forsi nibdew ninnutaw affarijiet li qabel ma konniex nagħtu kashom. Għax fl-aħħar mill-aħħar, dak li jibqa' magħna mhux biss dak li rajna, imma dak li ħassejna.

U xi kultant, dik is-sensazzjoni ma tkunx kompletament tal-immaġni, u lanqas kompletament tal-mużika.

Imma ta' dak l-ispazju kwiet ta' bejniethom.

Xi mkien... tra cielo e cinema.

ALLIANCE

REAL ESTATE PEOPLE

Music enriches Us

Mgr Claude Portelli, Archbishop's Delegate for Culture

Music has accompanied humanity from the earliest rhythms struck upon stone and wood to the complex symphonies and sacred chants that continue to move hearts today. It is more than entertainment or artistic expression; music is a profound language of the soul that shapes culture, deepens human relationships, and opens pathways toward transcendence. Across civilizations and centuries, music has served as a bridge between the visible and the invisible, the human and the divine. In the context of the *Via Pulchritudinis* - the "Way of Beauty" - music becomes not merely an aesthetic experience, but a spiritual journey through which human beings encounter the beauty of God.

The cultural development of humanity is inseparable from music. Every society has sung its history, celebrated victories, mourned losses, and expressed hope through melody and rhythm. Before written language became widespread, songs preserved memory and tradition. Ancient epics, tribal chants, liturgical hymns, and folk songs carried the wisdom and identity of peoples across generations. Music gave communities a shared emotional vocabulary and strengthened social bonds. It unified individuals into families, tribes, nations, and faith communities.

Music also cultivates the intellectual and emotional dimensions of the human person. Philosophers such as Plato and Aristotle recognized its formative power, believing that music could shape character and moral sensibility. Even today, studies continue to show how music develops memory, concentration, empathy, and emotional intelligence. A child introduced to music learns discipline, creativity, and harmony - not only in sound but also in relationships

CAMILLERI CATERING

FOR ALL YOUR CATERING NEEDS

The finest choice for all business events, including Office Receptions, Staff Parties, Business Breakfasts, Meetings & Conferences, Workshops, Corporate Lunches and Dinners.

Camilleri Catering | 13-20, M. Borg Gauci Street, Tal-Handaq, Qormi QRM 4000
info@camillericatering.com | +356 2147 2255 | www.camillericatering.com



with others. Through music, the human spirit learns to perceive order, balance, and meaning in the world.

Yet the significance of music extends beyond culture and psychology. Music possesses a mysterious capacity to awaken a sense of transcendence. A melody can stir emotions too deep for words, lifting the soul beyond the limits of ordinary experience. In moments of beauty, human beings often perceive something eternal shining through the temporal. This is the heart of the *Via Pulchritudinis*: beauty becomes a path leading toward truth and ultimately toward God.

Sacred music occupies a privileged place within this vision. From the chants of ancient temples to the soaring polyphony of cathedrals, sacred music has always sought to reflect divine harmony. When human beings create or encounter music of genuine beauty, they participate in a glimpse of the Creator's own beauty. Harmony, rhythm, and melody mirror the order and splendour embedded in creation itself. Saint Augustine famously confessed that sacred song moved him to tears because through it he sensed the presence of God touching his heart. Music reaches places within the human soul that argument alone cannot penetrate.

In Christian tradition especially, music has been regarded as an echo of heavenly worship. Gregorian chant, sacred hymns, and great liturgical compositions invite believers into contemplation. They elevate the mind and heart toward the divine mystery. The beauty of sacred music does not distract from God; rather, it reveals Him. Through beauty, the soul becomes receptive to grace. This is why churches throughout history invested immense care in cultivating musical traditions worthy of worship: beauty was understood as a reflection of divine glory.

Moreover, music has the power to heal divisions and foster unity among peoples. In a fragmented world marked by conflict and isolation, music reminds humanity of its shared longing for meaning and communion. A beautiful piece of music can move listeners regardless of language, nationality, or religion. In this universality, music reflects the universal call of humanity toward truth, goodness, and beauty.

Ultimately, music is one of the greatest gifts entrusted to humanity. It shapes civilizations, refines the soul, and points beyond itself toward transcendence. Through the *Via Pulchritudinis*, music becomes a sacred encounter, a way by which the human heart is drawn toward the infinite beauty of God. In listening deeply to beautiful music, humanity does not merely hear sound; it encounters a reflection of eternal harmony and glimpses the divine source from which all beauty flows.

CUTRICO

Solutions Built Around You

Personalised Expertise

Air Conditioning | Smoke Control | Ventilation | Heating & Cooling



Learn more at **cutrico.com**

Call us on +356 **2149 8658**

La Valette Storja Mnaqqxa Mill-Aqwa Surmastrijiet

Vincent Farrugia. S.Th.Ins.

Sa mit-twaqqif tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette, dejjem kienet imżejna bl-aqwa surmastrijiet ta' kull epoka — personalitajiet li b'ġenjalità, dedikazzjoni u passjoni sawru identità mużikali li għadha tispikka sal-lum fil-mixja tas-soċjetà. Xhieda ħajja ta' dan il-wirt hija l-lapida storika li tinsab fil-palazz tas-soċjetà, fejn hemm imnaqqxa l-ismijiet ta' dawk il-maestri illustri li tul seklu u nofs mexxew lill-banda lejn glorja u suċċessi mużikali li baqgħu jidwu matul iż-żminijiet.

Fil-bidu ta' din il-mixja glorjuża nsibu lis-Surmast Luigi Carabott, li bejn l-1874 u l-1877 ta l-ewwel pedamenti sodi lit-tagħlim u d-direzzjoni tal-banda.[1] Fi ftit snin biss, il-banda għamlet qabża kbira fil-kwalità u bdiet tħalli impatt qawwi fit-teatri Maltin u fil-festi liturġiċi. Il-gazzetti ta' dak iż-żmien ma kinux biss jikkummentaw fuq il-progress tagħha, iżda wkoll ifaħħru l-kobor artistiku tas-Surmast Carabott: "Illum nistgħu nitkellmu biss dwar il-progress kbir li għamlet il-Banda La Valette taħt il-bravu maestro Carabott."[2]

Ftit snin wara, il-ħatra tas-Surmast Gaetano Grech kompliet tagħti spinta ġdida lill-banda. Meqjus bħala wieħed mill-aqwa surmastrijiet ta' żmienu, huwa wassal lill-banda biex tikseb rispett u prestiġju kbir fil-qasam mużikali. Apparti l-kunċerti fit-Teatru Manoel, Grech kiteb ukoll innu nazzjonali li ġie esegwit fi Pjazza San Ġorġ.[3] Taħt id-direzzjoni tiegħu, il-banda ħadet sehem f'avvenimenti prestiġjużi bħall-festi tar-Reġina Vittorja u l-Ġublew tal-Papa Ljun XIII. Kien proprju f'dawn is-snin li La Valette bdiet titqies bħala l-aqwa banda ta' pajjiżna. Il-mixja lejn l-eċċellenza kompliet taħt Mro. Emmanuel Bartoli, li bil-ħila straordinarja tiegħu wassal lill-banda "fl-ogħla grad ta' perfezzjoni".[4] Il-kobor tas-soċjetà ma kienx biss fil-mużika li kienet iddoqq, iżda wkoll fil-viżjoni tagħha li dejjem tfittex il-ġdid,

Il-bandisti flimkien mas-Surmast Luigi Carabott fl-1876

AIG

Montaldo Insurance
AGENCY LIMITED

98/2, Melita Street, Valletta VLT 1120 Tel: 21 238 500 www.montaldoinsurance.com

A company authorised to act as an insurance agent, regulated by the Malta Financial Services Authority

Malta General Agents for AIG Europe S.A. an insurance undertaking with R.C.S. Luxembourg number B 218806. Head Office at 35 D Avenue John F. Kennedy, L-1855, Luxembourg



Il-Filarmonica Nazzjonali La Valette flimkien mas-Surmast Vessella

l-isbaħ u l-ogħla livell artistiku. Fost dawk li ħallew marka eterna fuq il-banda hemm ukoll Alessandro Vesselia — figura ta' fama internazzjonali u ex direttur tal-Banda Municipali ta' Ruma. Għalkemm ma kienx direttur permanenti, ir-riformi tiegħu kienu kruċjali għall-iżvilupp tal-banda. Huwa modernizza l-istrumentazzjoni u introduċa sistema ġdida ta' traskrizzjoni mużikali, li għolliet il-livell tas-soċjetà għal standard Ewropew.[5]

Fis-seklu għoxrin, il-banda kompliet tikber fil-prestiġju tagħha taħt il-bakketta ta' Mro. Cardenio Botti. Huwa fetaħ bibien ġodda għall-apprezzament tal-mużika klassika u wassal lill-banda biex tesegwixxi xogħlijiet ta' Beethoven, Bach, Handel u Haydn b'livell artistiku straordinarju. Infatti Herbert Ganado, fil-memorji prezzjużi li ħalla fil-ktieb *Rajt Malta Tinbidel*, ifakkar bi kburija żmien tad-deheb għall-banda La Valette meta jikteb: "La Valette fl-1927 kienet rebħet il-konkors ta' Como u Botti kien is-surmast; qabel kellha lil Mattioli — ix-xogħlijiet tagħhom jgħaxxquk. La Valette, li diġà kienet qed tħalli isimha jberraq lil hinn minn xtutna, kellha wkoll l-unur kbir li tkun immexxija minn surmastrijiet ta' fama bħal Alessandro Vesselia u Riccardo Zandonai.[6] Is-suċċessi internazzjonali miksuba f'Como, Bona u Algiers jibqgħu sal-lum xhieda ċara tal-kobor tal-Banda La Valette.[7]

Iżda l-istorja ta' din il-banda ma nkitbitx minn isem wieħed biss. Kienu ħafna dawk is-surmastrijiet li taw ħajjithom għall-mużika u għall-banda li b'ħidmithom komplew jagħnu l-arkivju mużikali vast tas-soċjetà. Paolo Miruzzi, Vincenzo Carabott, Antonio Miruzzi, Giorgio Lucia, Ġużeppi Vitaliti u Ettore Matioli huma kollha ismijiet li baqgħu jixegħlu fil-memorja storika ta' La Valette.

Chef Patron

BEATI PAOLI
RESTAURANT

Maltese & Italian
Fusion Cuisine

240 Saint Paul Street Valletta

Reserve your table on 9930 9319

Il-Banda tas-Soċjetà ġibdet ukoll ix-xewqat ta' ħafna kompożituri oħra ta' ħila fil-marċi brijużi u dawk funebri sabiex iniżżlu isimhom fl-istorja tas-Soċjetà billi ħallew għadd ta' marċi sbieħ li għadna ngawdu l-melodiji sbieħ tagħhom sal-lum. Fosthom insemmu lil Vincenzo Ciappara, Luigi Bongailas, Joseph Mamo, Edgar Lowell, Emmanuel Bugeja, Paul Arnaud, Joseph Azzopardi, Arcibald Mizzi, Giuseppe Caruana, Carlo Diacono u Giuseppe Lucia, fost ħafna oħrajn.

Bla dubju, wieħed mill-aktar kapitli memorabbli fl-istorja moderna tas-soċjetà kien dak tas-Surmast Joseph Sammut. Bejn l-1970 u l-2007, Sammut mexxa lill-banda lejn livelli artistiċi eċċezzjonali u għamel isimha sinonimu mal-eċċellenza mużikali Maltija. Kif jixhed il-Kanonku John Ciarlò fil-ktieb *L-Ewwel Mitt Sena*, is-Surmast Sammut kien figura ta' kapaċità straordinarja u ta' prestiġju kbir fil-qasam mużikali.

Fl-2008, il-bakketta tal-banda għaddiet f'idejn Mro. Dominic Darmanin — surmast ta' żmienna li b'talent, studju u dedikazzjoni kompla jżomm ħajja t-tradizzjoni glorjuża ta' La Valette. Imħarreġ taħt il-mibki Mro. Carmel Pace u Prof. Charles Zammit, Darmanin kompla jagħti identità artistika ġdida lill-banda permezz ta' xogħlijiet oriġinali u kunċerti prestiġjużi.[8] Taħt id-direzzjoni tiegħu, il-banda kellha l-unur taħdem ma' personalitajiet ta' fama internazzjonali bħal Jacob de Haan u Mons. Marco Frisina. U proprju llejla, permezz tal-kunċert *Tra Cielo e Cinema*, il-pubbliku qed jerġa' jingħata opportunità oħra sabiex jesperjenza spettaklu mużikali mill-isbaħ — taħt id-direzzjoni tas-Surmast Darmanin, flimkien ma' Mons. Marco Frisina u l-prim trumbettista leġġendarju ta' Ennio Morricone, Nello Salza.

Illum, is-Società Filarmonica Nazionale La Valette tista' tħares lura bi kburija kbira. Storja mibnija fuq sagrifiċċju, talent u mħabba lejn il-mużika. Storja li rat lil banda jgħaddu minnha ismijiet illustri bħal Riccardo Zandonai, Giuseppe Mule, Ottorino Respighi u Mons. Lucinio Refice, li wkoll idderieġew lill-banda waqt iż-żjarat tagħhom f'Malta.

Fost id-dokumenti l-aktar prezzjużi fl-arkivju tas-soċjetà hemm ittra ta' tifħir mibgħuta minn Riccardo Zandonai fl-1932, fejn kiteb: "Nesprimi l-ammirazzjoni sinċiera u mill-qalb tiegħi lill-bandisti li laħqu daqshekk grad għoli ta' żvilupp u perfezzjoni.[9] Dawn il-kelmiet jibqgħu xhieda tal-livell artistiku li dejjem iddefinixxa lil La Valette.

Bi gratitudni u rispett profond, illum infakkru lil dawk kollha li bnew din l-istorja glorjuża — storja mnaqqxa b'ittri tad-deheb fil-kultura mużikali Maltija. Għax illum huwa fatt magħruf li s-Società Filarmonica Nazionale La Valette, l-ewwel banda fil-Belt Kapitali Valletta, mhijiex biss simbolu ta' tradizzjoni u prestiġju, iżda monument ħaj tal-identità kulturali mużikali ta' pajjiżna.

Referenzi

[1] L-Ewwel Mitt Sena — Kan. John Ciarlò
[2] Corriere Mercantile Maltese, 30-04-1875
[3] L-Ewwel Mitt Sena — Kan. John Ciarlò
[4] Antonio Fitemi Storja ta' La Valette (1898)
[5] Tifkira ta' Għeluq il-75 Sena tas-Soċjetà (Programm)
[6] Rajt Malta Tinbidel – Herbrt Ganado. P 399-400 (Vol. 1)
[7] L-Ewwel Mitt Sena — Kan. John Ciarlò
[8] Programm Magia di Operette (2022)
[9] Arkivju S.F.N. La Valette — estratt mill-ittra, Jannar 1932

LUCIA

by GRANO

OSTERIA

53A, Old Theatre Street Valletta
Kitchen open 12:00 - 22:00
+356 99941870

TAL-HWAWAR

Herbs, Spices,
Essences, Foodstuffs &
Domestic Catering.
Definition & Use of Various
Herbs & Spices

Johann Farrugia (Proprietor)
160/162, St. Christopher Street, Valletta
Tel: 2123 6553 - Mob: 99829643

Il-mużika ta' Mons. Marco Frisina

Mons. Michael Bugeja

Il-mużika ta' Monsinjur Marco Frisina: liturġika għalkemm mhux dejjem għandha l-għan li tkun Il-mużika sagra fil-Liturġija mhix aċċessorju jew tiżjin; għandha rwol essenzjali – mhux l-għan tagħha li ssebbaħ biss, iżda li tagħni l-liturġija tal-Knisja.

Sa mill-ewwel forom tal-kant Gregorjan sa kompożizzjonijiet sagri ta' żmienna il-mużika hija dejjem espressjoni ta' talb, ta' teoloġija, ta' qima tal-ġemgħa. Il-Knisja tgħallem li l-mużika sagra għandha l-għan li terfa' l-qlub u l-imħuħ mar-ruħ lejn Alla, u hekk tgħin lil dawk li jemmnu biex jidħlu fil-qalba tal-misteri li jiċċelebraw fil-Liturġija.

Fost il-kompożituri li fi żmienna ħadmu qatigħ u konntribwew bl-aqwa xogħlijiet f'dan is-sens huwa Monsinjur Marco Frisina, li fil-kompożizzjonijiet tiegħu jirnexxielu jwaħħad l-ispirazzjoni biblika, melodija aċċessibbli u riflessjoni spiritwali profonda.

Il-kompożizzjonijiet ta' Frisina joħorġu fil-beraħ kif il-mużika sagra moderna tista' tkun fidila lejn it-tradizzjoni liturġika waqt li tkellem lill-qlub tal-ġemgħat ta' żmienna. L-innu *Jesus Christ you are my life* li kitbu għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ, li saret f'Madrid fl-2011, juri ċar l-hena, jesprimi l-ħeġġa għall-għaqda u rabta ta' mħabba taż-żgħażagħ lejn Kristu. Ir-ritornell sempliċi iżda qawwi jistieden lill-ġemgħa tingħaqad fil-kant, li huwa bla dubju wieħed mir-rwoli indispendabbli tal-kant liturġiku. Quddiemu ma tibqax indifferenti – jidħol f'qalbek b'qawwa li ġġieġħlek ittennih lil ħaddieħor. Hekk ukoll *Jubilate Deo* jwassal is-sejħa biblika għat-tifħir lil Alla b'ferħ u b'radd il-ħajr, sejħa li mhix tal-qassis waħdu jew ta' individwu fis-skiet ta' kamartu: hekk issir l-għanja tal-festa.

Xogħlijiet oħra ta' Frisina jtambru l-ħtieġa tal-kontemplazzjoni u l-intimità spiritwali.

Nada te turbe mibnija fuq il-kitbiet ta' Tereża ta' Ġesù (ta' Avila) toħloq ambjent kalm u meditattiv adatt ħafna għal ċelebrazzjonijiet Ewkaristiċi jew ħinijiet ta' adorazzjoni u għalhekk toħloq u tmantni vojt ta' skiet li jistieden għar-riflessjoni fil-Liturġija. Il-mużika li toħroġ mill-pinna ta' Frisina, hawnhekk hija ġentili biex tgħin lil dawk li jqimu jiffukaw fuq il-fiduċja tagħhom f'Alla u s-sliem interjuri. Hekk ukoll *Tardi ti amai* tislet mill-Isqof Santu Wistin temi ta' riflessjoni dwar il-konverżjoni, l-indiema u l-imħabba ta' Alla.

Frisina jaħdem ukoll bir-rakkonti bibliċi u bil-ħajjiet tal-qaddisin b'xogħlijiet ikbar bħal, ngħidu aħna, il-Mosè li tqiegħed quddiemna lil dan il-persunaġġ b'orkestrazzjoni drammatika li jwasslu il-ħelsien, il-patt u l-fidi - li nsibuhom jikkaretterizzawlil dan il-persunaġġ u li hu jnissel fil-poplu. Pietro tirrifletti dwar l-appostlu, li fih naraw l-identità tal-bniedem dixxiplu mogħni b'awtorità minkejja d-dgħufija tiegħu. F'*La Via dei Martiri* u l-*Canto delle promesse* Frisina jemfsaizza l-fedeltà is-sagrifiċċju anke tal-ħajja mogħtija għall-fidi u t-tama li ġejja mill-mewt tas-sbula biex ma tibqax weħidha. Is-sliem u l-ħena spiritwali huma temi li fil-mużika ta' Frisina jleħħu spiss, kultant meta l-inqas tkun tistennihom. Eżempju ta' dan huwa l-*Pacem in terris* imqanqal u mibni fuq l-enċiklika tal-Papa San Ġwanni XXIII (1963) u fiha jipprova, u jirnexxilu, jwassal il-ħidma tal-Knisja ta' rikonċiljazzjoni u paċi fid-dinja u t-tagħlim soċjali tagħha. Imbagħad f'*Preferisco il paradiso* donnu jħares 'il quddiem b'xewqa kbira iżda b'tama lejn il-ħajja ta' dejjem. Giacobbe, turi l-konflitt kważi fiżiku bejn Alla u l-bniedem, il-barka ta' min f'dan il-konflitt jagħraf li Alla huwa dejjem rebbieħ u għalhekk jingħaqad miegħu għall-ħajja bla tmiem. Fil-kompożizzjonijiet tiegħu, Frisina jirnexxilu jwassal li l-Mużika Sagra għadha essenzjali fil-Liturġija tal-Knisja għax biha, filwaqt li jħares l-għan spiritwali tal-mużika, iżewweġ il-ħtiġijiet, l-emozzjonijiet u s-sensibiltajiet tal-bniedem tal-lum u jerfagħlu ruħu lejn is-sema minn fejn, wara kollox hemm mhux biss stedina imma xewqa kbira ta' intimità divina.

Memorji miċ-Ċelebrazzjonijiet tal-150 sena mis-sehem tas-Società Filarmonica Nazionale LaValette fil-festa ta' San Pawl

La Valette

Bar & Restaurant

297, Republic Street, Valletta

Jason Grech - 77109310

It-Teatru Rjal u s-Società Filarmonica Nazionale La Valette

Carl Farrugia

Illejla s-Società Filarmonica Nazionale La Valette se terġa' ddoqq fit-Teatru Rjal wara ħafna snin. F'dan l-artiklu se nagħtu ħarsa lejn l-okkażjonijiet li s-Società daqqet fit-Teatru Rjal.

It-Teatru Rjal

It-Teatru Rjal kien iddinsjat mill-arkitett Ingliż Edward Middleton Barry fuq stil neo-klassika fl-1861. Il-binja tat-teatru ħadet post binja magħrufa bħala Casa della Giornata. Beda jinbena fl-1862 u fid-9 ta' Ottubru 1866, infetaħ b'mod uffiċjali. It-Teatru kienu jesa' 1,095 persuna bilqiegħda u 200 persuna bilwieqfa.

Sitt snin wara fil-25 ta' Mejju 1873, inħakem min-nirien. Minn barra ma ġarrabx ħsarat iżda minn ġewwa l-ġebla ġiet ikkalċifikata bis-sħana intensa tan-nirien. Ġie deċiż li jerġa' jinbena u fil-11 ta' Ottubru 1877, wara kważi erba' snin u nofs min-nirien, it-teatru reġa' nfetaħ bi spettaklu tal-*Aida* ta' Giuseppe Verdi.

Fis-7 ta' April 1942 filgħaxija t-teatru nqered mill-bumbardamenti tal-inġenji tal-ajru tat-tip *Luftwaffe*. L-għada filgħodu, malli n-nies ħarġu jispezzjonaw l-eżitu tal-bumbardamenti fuq it-teatru nazzjonali tagħhom qabdithom għafsa ta' qalb kif raw x'kien fadal minnu.... Il-portiku u l-awditorju kienu saru borġ ġebel, u s-saqaf kellu toqba kbira u x-xorok tiegħu li kien fadal kienu kollha mgħawġin. Madankollu, in-naħa ta' wara tat-teatru fejn il-kolonni u l-ħnejjiet baqgħet sħiħa.

L-istrutturi instabbli li kien għad fadal tat-Teatru Rjal twaqqgħu lejn l-aħħar tas-snin 50 tas-seklu 20 bħala prekawzjoni ta' sikurezza. Jingħad ukoll li l-priġunieri tal-gwerra

Ġermaniżi f'Malta offrew li jerġgħu jibnu t-teatru mill-ġdid fl-1946 iżda l-gvern irrifjuta minħabba pressjoni mit-trade unions; x'aktarx li r-raġuni l-iktar probabbli kienet li l-ebda wieħed mill-priġunieri tal-gwerra ma kellu ħiliet jew kwalifiki fil-kostruzzjoni.

Fl-1953, tressqu d-disinji ġodda u ntgħażel il-proġett ta' Zavellani-Rossi. Il-proġett iżda waqaf ħesrem minħabba li nbidel il-gvern li sostna li l-pajjiż ma kienx f'pożizzjoni li jintefqu daqstant flejjes. Fis-snin 80 u 90 tressqu diversi pjanti minn Renzo Piano u l-arkitett Malti Richard England imma ma sar xejn.

Fl-2008 il-Perit Renzo Piano ġie kkummissjonat biex jagħmel pjanta ta' Bieb il-Belt, il-binja tal-Parlament u s-sit tat-Teatru Rjal. Fit-8 ta' Awwissu 2013 sar il-ftuħ uffiċjal ta' Pjazza Teatru Rjal, teatru miftuħ.

Is-Società fit-Teatru Rjal

L-ewwel dehra tas-Società seħħet fit-Teatru Rjal fit-28 ta' Mejju, 1881 permezz ta' kunċert mużikali li għalih kien mistieden il-Professur Umberto Crispini, l-inventur tal-Xylophone. Kemm il-Professur Crispini kif ukoll il-Banda La Valette li ħadet sehem f'dan il-kunċert, intlaqgħu b'applawsi kbar mill-poplu numeruz li kien preżenti.[1]

dolceria
Barigozzi
12, St. Helen Square, Birkirkara
21449514 - 77480377

THE FLORAL
David Grech
DESIGNER

Mro Giuseppe Mulè flimkien mal-Kav. Alfredo Padovani u Mro. C. Botti waqt kunċert sinfoniku fit-Teatru Rjal

Fil-15 ta' Mejju 1901, ittellgħet serata kbira f'ġieħ l-Istudenti Universitarji u tal-Liċeo fit-Teatru Rjal. Għal din is-serata kienu preżenti l-aqwa persunaġġi patrijotti Maltin flimkien mal-aristokrazija Maltija. F'din is-serata ħadet sehem il-Banda La Valette flimkien mas-Soċjetà Mandolinistika. Il-Banda daqqet il-Marcia 10 Febbraio tas-Surmast Lucia u s-sinfonija *Il re di Lahore* u l-introduzzjoni tal-*I Puritani.* Il-Mandolinisti daqqew bl-akbar preċizjoni il-Silenzio Militare u l-Aida li ġew milqugħa b'applawsi kbar. F'din l-okkażjoni, Dottor Fortunato Mizzi li kien qed jirrappreżenta l-Gvern, tela' fuq il-palk u rregala bukkett sabiħ biż-żigarella bajda u ħamra lis-Sur Joseph Howard, il-President ta' La Valette għall-Banda, u ieħor lis-Sur Bencini għall-Mandolinisti.[2]

Fl-24 ta' Jannar, 1912, ir-Re Ġorġ V u r-Reġina ġew Malta fuq żjara rjali. Il-Banda La Valette sellmitilhom bid-daqq tal-Innu Malti mis-Saluting Battery fil-Barrakka ta' Fuq u waqt li kienu deħlin il-Belt minn fuq it-terrazzin tat-Teatru Rjal.[3]

Fl-10 ta' Ġunju 1922 Maestro Vessella dderieġa lis-Società La Valette fuq il-palk tat-Teatru Rjal lill-*intelligentsia* Maltija, Ingliża u Taljana b' dik il-libsa ġdida fjamanti ta' daqq ħlejju, armonjuż, anġeliku, entużjażmanti. F'dan il-programm ħadet sehem ukoll is-Sinjorina Bice Vassallo, bint il-Prof. Paolino Vassallo, li esegwiet biċċiet fuq il-pjanu. Dwar is-Surmast Vessella u l-Kunċert fit-Teatru Rjal tkellmet fit-tul *il-Malta Tagħna* tas-17 ta' Ġunju 1922. Il-Programm beda fid-9.00 p.m. bl-Innu Rjali. Fost is-siltiet li ndaqqu kien hemm l-*Inno a Rama* ta' Puccini, is-Sinfonia *Norma* ta' Bellini, *Largo* ta' Handel, i*r-Rapsodija Ungherese XIII u XI* u *Mephisto* ta' F. Liszt, *l-marcia* tal-Carmen ta' Bizet fost oħrajn.[4]

Mro Cardenio Botti xtaq jagħmel id-debutt tiegħu fit-Teatru Rjal fl-1923 imma minħabba s-sħana ta' Ġunju l-Kumitat ma qabilx u hekk id-debutt tas-Surmast sar fil-Ġnien tal-Argotti.[5]

Fil-5 ta' Frar, 1933, is-Società tellgħet Kunċert Sinfoniku kbir fit-Teatru Rjal b'ġieħ lill-Maestro Giuseppe Mulè taħt il-patroċinju tal-Onor. Sir Ugo Mifsud u tal-Onor. Sir Arturo Mercieca. Fl-ewwel parti tal-programm sar kunċert vokali li fih ħadu

TuttoSport
Malta



sehem l-artisti ewlenin, li kienu qed jieħdu sehem fl-istaġun Fit-tieni parti, il-Banda La Valette daqqet is-Sinfonija ta' *I Vespri Siciliani.* Maestro Giuseppe Mule tela' fuq il-pedana u fost l-applawsi tan-nies idderieġa żewġ kompożizzjonijiet tiegħu mill-isbaħ is-suite *Una Notte a Taormina* u *Sicilia Canora* mill-*Fioriscono gli Aranci.* [6]

Fil-25 ta' Diċembru tal-istess sena, il-magħruf Maestro Ottorino Respighi dderieġa b'ħerqa l-Banda La Valette fil-kompożizzjoni klassika tiegħu *Hunting Tower* waqt kunċert fit-Teatru Rjal.[7]

Fit-3 ta' Luju 1932 miet Mons. Enrico Dandria. Huwa kien saċerdot li ta ħajtu għall-poplu u l-poplu kollu ħabbu kif wera biċ-ċar fil-funeral grandjuż li għamillu. Huwa wkoll kien ħabib kbir tas-Società La Valette u f' għeluq is-sena mill-mewt tiegħu, is-soċjetà għamlet kommemorazzjoni tiegħu fit-Teatru Rjal b'kunċert mużikali.[8]

F'April tas-sena 1939, f'Malta ġie ċċelebrat il-25 Aniversarju tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien sar fl-1913, b'Kungress Ewkaristiku Djoċesan. Is-soċjetà laqgħet l-istedina tal-Isqof biex tieħu ħsieb l-Akkademja Mużika-Letterarja fl-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku Djoċesan. Biex tieħu ħsieb l-organizzazzjoni ta' din l-Akkademja, inħatret Kummissjoni. L-Akkademja Mużika-Letterarja saret il-Ġimgħa, 28 ta April, 1939 fis-7.00 p.m. fit-Teatru Rjal. Għal din l-okkażjoni t-Teatru Rjal kien imballat bin-nies. Kienu preżenti wkoll l-E.T. il-Gvernatur, Mons. Isqof Mikiel Gonzi u u għadd sabiħ ta' mħallfin, prelati, saċerdoti u reliġjużi, flimkien ma' persuni distinti. Il-programm kien jikkonsisti f'biċċiet bandistiċi taħt id-direzzjoni ta' Maestro Giuseppe Camilleri, f'numru ta' bċejjeċ ta' kant sagru bl-akkumpanjament mużikali u b' diskors mill-magħruf Padre G. Balestrieri O.F.M. Fost is-siltiet mużikali ndaqqu l-Innu Ewkaristiku miktub minn P.D. Anastasi O.S.A., selezzjonijiet *mill-Missa da Requiem* ta' Giuseppe Verdi l-*Ave Maria* ta' Arcadell, *My Prayer* ta' Squire, l-*Ave Verum* ta' Murphy, *is-Salve o Maria* ta' Mercadante fost oħrajn. [9]

Fis-seduta tal-Kumitat tad-29 ta' Jannar 1940, il-Kumitat iddeċieda li jagħmel Kunċert Mużikali fit-Teatru Rjal li l-qligħ tiegħu kellu jmur b'risq il-familji ta' dawk li kienu tilfu ħajjithom matul il-gwerra. Din kienet ukoll ix-xewqa tal-istess Gvernatur. Il-Kumitat saħansitra ħatar in-nies li kellhom jieħdu ħsieb l-organizazzjoni ta' dan il-Kunċert, iżda fis-seduta tad-29 ta' Marzu, minħabba l-periklu tal-gwerra li kien qed jikber, ġie deċiż li dan il-Kunċert ma jsirx u minfloku l-Kumitat iddeċieda li jagħti somom ta' flus lill-War Charities Fund, lir-Red Cross ta' Malta, lill-Lady Cunningham's Naval Comfort Fund, lil-Special Constab Constables Fund u lill-Fond tal-Azzjoni Kattolika għall-familji foqra.[10]

B'hekk il-banda tas-Società se terġa' tidħol fit-Teatru Rjal kważi 87 sena mill-aħħar darba li daqqet hemm.

Referenzi

1 L-Ewwel Mitt Sena —Kan. John Ciarlò, p.22
2 Ibid p.65
3 Ibid. p.99
4 Ibid. p.136
5 Ibid. p.146
6 Ibid. p.236
7 Ibid. p.238
8 Ibid. p.241
9 Ibid. p.246
10 Ibid. p.252

PROGRAMM

Mużika mill-Pinna ta' Ennio Morricone
taħt id-direzzjoni ta' Mro Dominic Darmanin
u s-sehem ta' Nello Salza

Che Mai

Morricone West

Metti una sera a cena

Clan dei Siciliani

La Califfa

Malena

Cinema Paradiso

C'era una volta in America

Preżentaturi: Mario Micallef u Valerie Vella

Mużika mill-pinna ta' Mons. Marco Frisina
taħt id-direzzjoni tieġu stess

Jubilate Deo

San Pietro
dalla colonna sonora originale del film Pietro

Canto Della Promessa
dalla colonna sonora originale del film Ambramo

Tema di Giacobbe
dalla colonna sonora originale del film Giacobbe

Mosè Suite
dalla colonna sonora originale del film Mosè

Tardi t'Amai
dall'album Testimoni di Speranza

La Via Dei Martiri
dall'album Alba Romana

Nada te Turbe

Inno La Valette
Kliem u mużika: Mro Cardenio Botti

Mons. Marco Frisina

Marco Frisina twieled f'Ruma lura fl-1954. Wara l-istudji klassiċi huwa kiseb diploma fil-kompożizzjoni mill-Konservatorju Santa Ċeċilja ta' Ruma. Sussegwentament huwa lesta l-istudji teoloġiċi mill-Pontificia Università Gregoriana biex b'hekk kiseb il-liċenzja fis-Sacra Scrittura tal-Pontificio Istituto Biblico.

Huwa ġie ordnat saċerdot fl-1982 fejn għadu jeżerċita l-ministeru tiegħu fid-Djoċesi ta' Ruma. Fil-preżent huwa konsulent tal-Kunsill Pontifiċju għall-Promozzjoni tal-Evanġelizazzjoni l-ġdida u Rettur tal-Bażilika ta' Santa Ċeċilja fi Trastevere.

Huwa jgħallem ukoll f'diversi korsijiet fi ħdan la Pontificia Università della Santa Croce u tal-Pontificio Istituto di Musica Sacra. Huwa akkademiku wkoll fi ħdan La Pontificia Insigne Accademia di Belle Arti e Lettaratura dei Virtuosi al Pantheon fejn huwa anke Assistent Spiritwali.

Frisina kkompona diversi innijiet liturġiċi magħrufa u apprezzati kemm fl-Italja u anke f'diversi pajjiżi. Fl-1984 huwa waqqaf il Coro della Diocesi di Roma fejn dan il-kor janima l-aktar liturġiji importanti fejn bosta minnhom ikunu preseduti mill-Papa innifsu.

Fl-1991 huwa beda jikkolabora mar-RAI fi proġett internazzjonali, *Bibbia*, kemm bħala konsulent biblista kif ukoll bħala kompożitur tal-mużika ta' dawn il-films.

Apparti l-proġett *Bibbia*, Frisina kkompona diversi soundtracks ta' bosta films b'temi storiċi u reliġjużi. Frisina kiteb 'il fuq minn 30 oratorju sagru ispirati minn personaġġi bibbliċi u ħajjiet ta' Qaddisin. Fost l-oħrajn tajjeb li nsemmi il-*Cantico dei Cantici* tal-

2009, *Passio Caecilae* kompost 2011, *Paradiso Paradiso* fl-2013, u *Fino ai confini della Terra*, ispirat min-narrazzjoni tan-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta li ġie esegwit għall-ewwel darba f'pajjiżna fi Frar tal-2017.

Fl-2007 huwa kiteb l-opra *La Divina Commedia*, l-ewwel traspożizzjoni tal-kapolavur ta' Dante. Fl-istaġun teatrali 2009-2010 huwa ttella' t-tieni xogħol teatrali tiegħu bil-*Miracolo di Marcellino* ispirat mir-rumanz ta' Josè Maria Sanches Silva. Frisina huwa awtur ukoll tal-mużika ta' *In Hoc Signo* li ttellgħet fl-2013 f'Belgrade kif ukoll tal-Opra Oratorju *Passio Christi* li ttellgħet fl-2018 f'Malaga.

Frisina huwa promutur u kordinatur tal-Ewwel Konvenju tal-korijiet fl-Italja li sar f'Ruma fl-2014 kif ukoll tal-Ġublew tal-korijiet li ttella' fl-2016 fejn ipparteċipaw 'l fuq minn 8,000 korist li attendew bi ħġarhom mid-dinja kollha. Wara snin twal, Frisina jġib l-esperjenza saċerdotali, mużikali u pedagoġika ġewwa ħafna djoċesijiet Taljani u anke barranin.

CHEERS
wine & more

20, Triq Santa Lucia, Valletta.

Nello Salza

Nello Salza twieled f'Sutri fl-1963. Huwa studja t-trumpet fil-Konservatorju Santa Cecilia ta' Ruma ma' Leonardo Nicosia u Biagio Bartiloro fejn sussegwentament beda karriera bħala trombettista mal-orkestri tat-Teatru San Carlo ta' Napoli u aktar tard tat-Teatru tal-Opra f'Ruma. Huwa serva fl-istess rwolijiet mal-Accademia Nazionale di Santa Cecilia, l-Orchestra Regionale Toscana u l-Orchestra Sinfonica Nazionale tar-RAI.

Huwa għallem f'għadd ta' konservatorji fejn bħalissa qed iservi bħala Għalliem fil-Conservatorio di Napoli. Huwa ħadem ukoll mal-kumpanija Yamaha fejn barra li kien testimonial huwa ħadem ukoll żewġ mudelli ta' trumpets mat-tekniċi tal-istess kumpanija.

Huwa daqq f'aktar minn 400 soundtrack fejn 250 minnhom ma' Ennio Morricone fejn miegħu beda jikkollabora fl-1984. Huwa ħadem ukoll ma' għadd ta' kompożituri ċinematografiċi oħra fostom Nicola Piovani kif ukoll Franco Piersanti. Fl-1997 huwa rrekordja s-soundtrack *La Vita è Bella* fuq mużika ta' Nicola Piovani fejn kisbet suċċess bl-Oscar tal-1999. Fl-2015 huwa kkollabora mal-Orkestra Sinfonika Nazzjonali tar-Repubblika Ċeka fejn irrekordjaw is-soundtrack tal-film *The Hateful Eight* ta' Quentin Tarantino. Din is-soundtrack rebħet l-Oscars tal-2016.

Bħala Solista insibu lil Salza jagħmel għadd ta' tournee fl-Italja, Stati Uniti, Cina, Ġappun, Russia u anke l-Brazil fost oħrajn.

Mina's

Ordinance Street,
Valletta

Mobile: 9969 0453

Mro Dominic Darmanin

Mro. Dominic Darmanin twieled il-Belt Valletta f'Mejju tal-1962. Beda l-istudji mużikali tiegħu fl-età ta' 9 snin fl-iskola tas-Sależjani St Patrick's f'Tas-Sliema u fl-iskola tal-mużika Johann Strauss. Tgħallem it-trumbun taħt id-direzzjoni ta' Mro. Anthony Zammit u aktar tard, taħt il-gwida ta' Mro. Paul Borg fejn akkwista tliet diplomi: ALCM, LLCM u FLCM. Studja l-armonija u l-kuntrapunt għand il-mibki Mro. Carmelo Pace u għand il-Profs. Charles Zammit fejn iggradwa bid-diploma A.Mus.LCM.

Ta' 15-il sena għamel l-ewwel dehra tiegħu bħala solista fuq it-trumbun fil-Casino Maltese. Fost l-esekuzzjonijiet mużikali tiegħu jissemma s-solo li esegwixxa fuq it-trumbun f'Novembru tal-1993 meta daqq il-kunċert għat-trumbun ta' Rimsky Korsakov mal-Banda La Valette.

Għallem f'diversi baned Maltin u Għawdxin sakemm fl-1993 inħatar Surmast Direttur tas-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan. Huwa waqqaf il-Pinto Brass Band kif ukoll inawgura l-ewwel sensiela ta' Kunċerti Sinfoniċi. Huwa wkoll il-fundatur tal-ewwel kwartett tat-trumbuni f'Malta bl-isem ta' The Four Tenors. Hadem għal seba' snin bħala mużiċist mal-Orkestra tat-Teatru Manoel. Huwa membru mal-Versatile Brass u dik li kienet il-Freddie Mizzi Big band. Kompożitur ta' diversi marċi għall-banda kemm brijużi u kemm funebri. Kiteb ukoll sensiela ta' xogħlijiet klassiċi għall-banda.

Fl-1 ta' Jannar 2008 inħatar Surmast Direttur tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette wara li għamel 29 sena bħala mużiċist tal-banda La Valette.



Palazzo Preca offers a broad range of Maltese & Mediterranean food our specials board offering mouth watering cuts, while the desserts are also Home-made.

PALAZZO PRECA RESTAURANT

54, strait street Valletta, Malta

Tel : (+356) 21226777/ 99866640 / 99846866

info@palazzoprecarestaurant.eu www.palazzoprecavalletta.com

Rosabelle Bianchi

Is-Sopran Rosabelle Bianchi ggradwat fil-Baċellerat tal-Istudji tal-Mużika bl-Unuri u P.G.C.E. fit-tagħlim tal-mużika mill-Università ta' Malta. Preżentement hija titgħallem taħt Juliette Bisazza Zanni. Rosabelle ipparteċipat f'diversi master classes organizzati mill-British Kodaly Association fl-Ingilterra u fl-Italja mill-OPERVIVA taħt it-tuturi mill-Università ta' Juilliard fost oħrajn. F'Malta kompliet bl-iżvilupp tal-vuċi fost oħrajn taħt il-baritonu Ġermaniż Thomas E. Bauer, il-baritonu baxx Daniel Lichti u Laura Sarti. Rosabelle ħadet sehem fost oħrajn fir-Rencontres Musicales de la Mediterranee festival f'kunċert operistiku f'Bastia, Korsika u n-Nato Musikfest Monchengladbach fil-Ġermanja akkumpanjata mill-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta taħt it-tmexxija tal-Maġġur John Ivan Borg. Hija wkoll irrappreżentat lil Malta f'Ateni waqt il-Presidenza ta' Malta fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-2017 meta kantat fil-Kunċert Gala f'Jum l-Ewropa organizzat mill-MoFA b'kollaborazzjoni mar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea bl-għajnuna tas-Sur Joseph Cuschieri, Ambaxxatur ta' Malta għall-Ġreċja. Kellha diversi rwoli fosthom Ghost Jester fl-opra The Maltese Cross f'Pariġi, Mari f'Il-Wegħda, Elisabeth f'Elisabeth: or to be a Mann, it-tliet opri ta' Charles Camilleri, Dido f'Dido and Aeneas ta' Purcell, Paquette, f'Bernstein's Candide, It-tieni mara f'The Magic Flute ta' Mozart u Gianetta f'L'Elisir d'Amore ta' Donizetti. Ir-repertorju ta' Rosabelle jinkludi diversi mużika sagra, Lieder, opra u xogħlijiet kontemporanji.

VALLETTA

LUCIANO

RESTAURANT · CETTINA CAFÉ · LOUNGE BAR

BOUTIQUE ACCOMMODATION

21, 22 MERCHANT STREET,
VALLETTA
TEL: 21236212

Located in the heart of the city in a building dating back to the order of St. John come and experience a taste of local and Mediterranean cuisine from our A'La Carte Menu inside or outside seating.

Opening hours Monday to Saturday from 8.00am to 11.00pm - Sunday from 10.30am to 10.30pm

CAFE
CAPITOLINO

Republic Street, Valletta

Alan Sciberras

Alan Sciberras beda l-vjaġġ mużikali tiegħu taħt it-tmexxija tas-soprani Dr Andriana Yordanova u Tatiana Lisnic. Huwa ppartečipa f'master classes ma' mużiċisti bħal Ines Salazar, Miriam Gauci, Gioacchini Jack Li Vigni, Carlos Kenaniah Conde, Nelly Miricioiu-Kirk, David Gowland and Salvatore Fisichella.

F'Lulju 2017, Alan għamel id-debutt tiegħu fil-parti ta' Rodolfo fil-La Boheme ta' Puccini fit-Teatro Eschilo fi Sqallija. Ir-repertorju operistika tiegħu jinkludi Otello ta' Rossini (Lucio & Gondolier), L'Alpino ta' Carlo Diacono (Enzo), it-Tosca ta' Puccini (Spoletta & Cavardossi) u l-La Traviata ta' Verdi (Gastone). Ha sehem ukoll fis-City of Humanity 1- Behind the Fortifications ta' Dr Reuben Pace. Dis-sena ħa sehem fl-iStabat Mater ta' Rossini flimkien mal-Orkestra Filarmonika ta' Malta fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta u d-debutt tar-Requiem ta' Verdi.

Alan ġie magħżul mill-Kummissjoni Għolja Maltija biex jirrappreżenta lil Malta f'Londra waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Belt Valletta bħala Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura fl-2018. Hu wera t-talent tiegħu fil-kunċert tal-Indipendenza flimkien mal-Orkestra Filarmonika ta' Malta fl-2022. Alan kien wkoll solist fil-kunċert Celle Sotto Le Stelle f'Pescaglia u kien mistieden mill-Fondazione Festival Puccinaiano biex jieħu sehem fil-Concerto dei Sette Tenori f'omaġġ lil Carlo Bergonzi fit-Torre del Lago Puccini.

PACEVILLE
FREE
PARKING
AT MERCURY TOWER PARKING
SICILIAN PIZZA
I PUPI
PACEVILLE
SICILIAN STREET FOO

Cappella Musicale Cæciliana

Il-Cappella Musicale Cæciliana ġiet iffurmata fis-sena 2010 meta s-surmast Abraham D'Amato, organista u kompożitur ta' mużika liturġika, stieden numru ta' koristi u strumentalisti biex jieħdu sehem fl-Ewwel Quddies Solenni ta' saċerdot novell fil-Kolleġġjata-Bażilika ta' Sant'Elena f'Birkirkara. Ir-riżultat ta' din iċ-ċelebrazzjoni kien wieħed pożittiv u minn dak iż-żmien il-Cappella kompliet tiġi mistiedna biex tipparteċipa f'ċelebrazzjoni liturġiċi f'diversi knejjes Maltin.

L-għan ewlenin tal-Cappella Musicale Cæciliana hu li tipprovdi lil-liturġija b'kant li huwa konsonu mal-ispirtu Ċeċiljn tal-Knisja Kattoliku, jiġifieri skont kif il-mużika ekkleżjastika tinsab deskritta fid-dokumenti uffiċjali tal-Knisja, bl-iskop li tingħata identità waħdanija lil-liturġija kattolika. Fost il-funzjonijiet liturġiċi li din il-cappella di musica ġiet mistiedna sabiex tipparteċipa fihom insibu numru ta' prime messe, annivesarji saċerdotoli, ċelebrazzjonijiet episkopali, investituri ta' kavallieri, tiġijiet u funerali. Iż-żjara tal-Papa Franġisku fil-Grotta u l-Bażilika ta' San Pawl, ir-Rabat, lura fl-2022 tibqa' fost l-okkażjonijiet speċjali li għalihom il-Cappella Musicale Cæciliana ġiet mistiedna biex tipparteċipa fihom.

Barra minn hekk, il-Cappella Musicale Cæciliana tipprovdi wkoll il-kant u l-mużika fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi ta' numru ta' festi Maltin li tagħhom is-surmast D'Amato ġie maħtur maestro di cappella. Hija tagħti wkoll is-sehem tagħhom b'kant Gregorjan u polifoniku fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi li fl-Arċidjoċesi ta' Malta huma pemressi li jsiru bir-rit Tredentin. Barra mil-liturġija, il-Cappella Musicale Cæciliana tkun ukoll mistiedna biex tipprovdi s-servizzi tagħha f'kunċerti li jiġu organizzati sew għall-pubbliku kif ukoll għal udjenza privata. Fost dawn l-istediniet insibu wkoll dawk li jsiru minn diversi għaqdiet u soċjetajiet mużikali li jkunu jenħtieġu l-kant tal-kor mad-daqq tal-banda, sew f'kunċerti kif ukoll f'recordings.

CROCE BONACI

CATERERS

Office: - 32, St. Ursula Street,
Valletta - Malta - T: 2122 5924

Cafeteria - 24, St. John Street,
Valletta - Malta - T: 2124 7933
Mob: 79048664
www.crocebonaci.com
E: info@crocebonaci.com

Jacob Portelli

Jacob Portelli huwa arpist, vjolinist, vjolista u ċellist li l-ħidma tiegħu tkopri l-eżekuzzjoni solistika, iċ-chamber music u l-prattika tal-interpretazzjoni storikament infurmata. Huwa għandu LRSM fl-arpa u l-vjolin kif ukoll Diploma fil-vjola, u jdoqq repertorju wiesgħa li jvarja mill-Barokk u l-mużika bikrija sal-mużika Romantika u kontemporanja.

Mill-2020, huwa serva bħala l-Arpist Residenti tal-Arċidjoċesi ta' Malta, fejn idoqq regolarment f'ċelebrazzjonijiet liturġiċi ewlenin u okkażjonijiet nazzjonali. Il-prestazzjonijiet tiegħu dehru f'avvenimenti statali u ekkleżjastiċi importanti, u daqq ukoll għal diversi Presidenti tar-Repubblika ta' Malta.

Jacob huwa membru fundatur u vjolista tal-Cordia String Quartet, ensemble li ddoqq ta' spiss f'kunċerti, funzjonijiet privati u impenji uffiċjali. Mal-kwartett deher ukoll barra minn Malta, b'prestazzjonijiet f'ibliet fosthom Ateni, Caltagirone, Londra u Torino. Fl-2016, l-ensemble daqq għar-Reġina Elizabetta II waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Commonwealth Day f'Marlborough House.

Bħala interpretu b'passjoni għall-mużika bikrija, Jacob huwa wkoll attiv fuq strumenti storiċi. Mal-ViBE Ensemble idoqq fuq vjolin u ċell Barokk, jispeċjalizza f'interpretazzjonijiet storikament infurmati ta' repertorju tas-sekli sbatax u tmintax. Huwa jservi wkoll bħala membru u continuo leader mal-Valletta International Baroque Ensemble, u jdoqq regolarment fix-xena tal-mużika bikrija f'Malta.

L-impennijiet internazzjonali tiegħu inkludew ukoll prestazzjoni f'Westminster Abbey, fejn ħa sehem f'avveniment mużikali speċjali li fih deher Calum Scott.

Fl-2020, Jacob ħareġ erba' albums Kinnor, Nevel, The Christmas Song u We Three Kings—li juru l-versatilità tiegħu fir-repertorju sagru u dak tal-kunċert.

Flimkien mal-ħidma tiegħu bħala solist, Jacob ikompli jdoqq b'mod estensiv bħala mużiċist kamrali u bħala parti minn orkestri, jgħaqqad l-esperjenza tiegħu fuq l-arpa u l-istrumenti tal-korda ma' impenn qawwi lejn l-interpretazzjoni storikament infurmata.

EDDIE'S

Cafe Regina

VALLETTA • SINCE 1947

9, Republic Square, Valletta
+356 2124 6454

ART, FANTASY AND HISTORY
LUCENTINI
VALLETTA - MALTA

Il-Mara l-Hoxna
€110

Il-Pjanu
€110

Ferh
€110

Il-Gallarija Maltija
€130

Is-Salib tal-kavallieri
€150

L-Arlogg tal-Lira
€150

20b St. Lucia Street Valletta
212, Merchant Street, Valletta

www.lucentinishop.com

Ennio Morricone: Il-Maġija, il-Melodija u l-Wirt tiegħu fiċ-Ċinema Dinjija

Carl Farrugia

Ennio Morricone jibqa' wieħed mill-aktar kompożituri li ħallew marka indelebli fuq il-kultura ċinematografika. Ix-xogħol tiegħu, li jkopri aktar minn sitt mitt soundtrack, mhux biss għamel films aktar memorabbli, iżda wkoll bidel il-mod kif il-mużika tintuża biex tinħoloq emozzjoni, tensjoni u poeżija fuq l-iskrin. Morricone kien kapaċi jagħti ħajja lil xeni li mingħajru kienu jkunu inqas intensi, inqas romantiċi, jew inqas umani.

Ennio Morricone twieled f'Ruma fl-1928 u beda l-karriera tiegħu bħala trombettist u kompożitur klassiku. L-istudji tiegħu fil-konservatorju tawh bażi teknika qawwija, iżda kien il-kreattività tiegħu li għamlitu figura unika. Morricone kien kapaċi jgħaqqad elementi mhux tas-soltu—vokali mhux verbali, strumenti mhux konvenzjonali, ħsejjes ambjentali—u jagħmilhom parti minn lingwa mużikali personali u immedjatament rikonoxxibbli.

Ix-xogħol tiegħu jinqasam f'diversi fażijiet: il-bidu fiċ-ċinema Taljana, il-kollaborazzjonijiet leġġendarji ma' Sergio Leone, il-perjodu internazzjonali tiegħu f'Hollywood, u l-aħħar snin fejn reġa' kiseb popolarità enormi permezz ta' kunċerti u rikonoxximenti globali.

Morricone rebaħ Oscar onorarju fl-2007 u Oscar ieħor fl-2016 għall-film *The Hateful Eight*, iżda ħafna jemmnu li l-premju veru tiegħu kien l-imħabba tal-pubbliku u l-wirt mużikali li ħalla warajh.

Se nagħtu ħarsa lejn is-siltiet li se nisimgħu llum.

Twistees REGD.

Gluten Free

info@strand.com.mt | +356 2144 1768
www.twistees.com.mt

Che Mai – Maddalena (1971)
Che Mai hija biċċa li turi l-aspett spiritwali u liriku ta' Morricone. Il-film *Maddalena* huwa drama psikoloġika li jħares lejn il-kunflitt bejn il-passjoni u l-fidi. Il-mużika, b'ton mistiku u melodija li tgħaddi minn qalb għal oħra, tagħti lill-film dimensjoni aktar profonda u meditattiva.

Morricone West – Il-Westerns ta' Sergio Leone
Morricone West jirrappreżenta l-kollaborazzjoni storika ma' Sergio Leone. Hawnhekk Morricone ħoloq ħsejjes li saru simboli tal-ġeneru Western: l-armonija, il-vokali ikoniċi, il-ħoss tal-kitarra li toħloq tensjoni u l-perkussjoni minimalista. Films bħal *Once Upon a Time in the West* (1968) u *The Good, the Bad and the Ugly* (1966)saru leġġendi grazzi għall-mużika tiegħu.

Metti una sera a cena (1969)
Metti una sera a cena huwa film psikoloġiku u senswali li jdur madwar relazzjonijiet kumplessi. Il-mużika ta' Morricone hija eleganti, sofistikata u melodika, u toħloq atmosfera ta' misteru u passjoni. Din hija waħda mill-aktar soundtracks tiegħu li juru l-ħila tiegħu li jikteb mużika emozzjonali iżda strutturalment perfetta.

Il Clan dei Siciliani (1969)
Il Clan dei Siciliani huwa film kriminali Franċiż li jdur madwar ħarba kriminali u tradiment. It-tema mużikali hija mibnija fuq ritmu ipnotiku u melodija li toħloq tensjoni kontinwa. Din il-biċċa saret waħda mill-aktar identifikabbli fil-film noir Ewropew.

La Califfa (1970)
La Califfa hija drama politika u romantika li tħares lejn kunflitti soċjali fl-Italja tas-snin sebgħin. Il-mużika ta' Morricone hija emozzjonali, b'tema li tgħaqqad passjoni u melankonija. Hija waħda mill-aktar soundtracks tiegħu li juru l-ħila tiegħu li jikteb melodiji li jġorru piż narrattiv.

Malèna (2000)
Malena hija storja dwar mara li ssir simbolu ta' xewqa, ġudizzju u għira f'raħal Sqalli matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Il-mużika ta' Morricone hija delikata, nostalġika u mimlija emozzjoni. It-tema prinċipali hija waħda mill-aktar melodiji moderni tiegħu li baqgħu popolari.

Cinema Paradiso – Nuovo Cinema Paradiso (1988)
Cinema Paradiso huwa ċelebrazzjoni taċ-ċinema nnifisha. Il-film ta' Giuseppe Tornatore jħares lejn it-tfulija, il-ħbiberija u l-imħabba lejn il-films. Il-mużika ta' Morricone—miktuba flimkien ma' ibnu Andrea—tgħaqqad nostalġija, ħlewwa u emozzjoni pura. Din hija waħda mill-aktar soundtracks maħbubin fid-dinja.

C'era una volta in America (1984)
C'era una volta in America huwa film epiku dwar ħbiberija, tradiment u żmien li jgħaddi. Il-mużika ta' Morricone hija melankonika, poetika u drammatika. It-temi ewlenin—bħal *Deborah's Theme*—huma fost l-aktar melodiji emozzjonali li qatt inkitbu għaċ-ċinema.

Konklużjoni
Ennio Morricone ma kienx biss kompożitur; kien narratur li juża l-mużika bħala lingwa universali. Kull soundtrack tiegħu huwa kapitlu fil-wirt tal-ċinema, u l-influwenza tiegħu għadha tinstema' fil-films tal-lum. Minn *Cinema Paradiso* sa *Once Upon a Time in America*, il-mużika tiegħu tibqa' ħajja, tmiss il-qlub u tispira ġenerazzjonijiet ġodda.

EST 1947

San Paolo

NAUFRAGO

Valletta

Pizzeria • Mediterranean Cuisine • Platters
Gin & Whisky Bar • Cocktails

11 Triq Santa Lucija Valletta

Bookings online only on spnvalletta.com

Mons. Marco Frisina u l-Mużika għall-Films

Fr. Victor Paul Farrugia, Direttur Spiritwali tas-Società

Meta wieħed jaqra l-biografija ta' Mons. Marco Frisina, wieħed mill-ewwel jinduna kemm il-mużika tagħmel parti integrali mill-ħajja ta' dan is-saċerdot, mhux biss fejn tidħol il-Liturġija u l-innijiet li jakkumpanjawha, imma wkoll Musicals, Oratorji u diversi siltiet mużikali oħra. Però f'dan il-kunċert qed nikkonċentraw fuq ġeneru ieħor interessanti ħafna, dak tal-mużika għall-films. L-iskop ta' din it-tip ta' mużika hu li jsaħħaħ it-tifsira tal-ideat li, waħedhom, x-xeni mhumiex kapaċi jesprimu u, fl-istess ħin, jistabbilixxi rabta narrattiva kontinwa fid-diskors ċinematografiku, u b'hekk tikkontribwixxi biex tagħti kredibilità lill-azzjoni.

Fl-1991, Mons. Frisina beda kollaborazzjoni mal-Kumpanija tal-produzzjoni tat-televiżjoni Taljana Lux Vide S.p.A., li pproduċiet is-serja *Le storie della Bibbia*. Huwa ta sehmu bħala konsulent Bibliku minħabba li hu għandu l-Liċenzjat fl-Iskrittura Mqaddsa u wkoll bħala kompożitur fejn huwa wkoll involva lill-mibki Ennio Morricone.

Abraham

Abraham hija miniserje televiżiva tal-1993 ibbażata fuq il-ħajja tal-Patrijarka Bibliku Abraham. Inġibdet f'Ouarzazate, il-Marokk. Diretta minn Joseph Sargent, fiha jieħdu sehem Richard Harris bħala Abraham, Barbara Hershey bħala Sara, Maximilian Schell bħala l-Fargħun u Vittorio Gassman bħala Terah.

Abram jgħix f'Haran, belt għanja. Martu Saraj m'għandhiex tfal, u l-uniku werriet tagħhom huwa Eliżer ta' Damasku. Darba waħda, Abraham jisma' l-leħen ta' Alla, li jgħidlu li jrid jitlaq minn Haran u jivvjaġġa lejn art mhux magħrufa. Alla jwiegħed li jagħmel ġens kbir minnu u jsemmih mill-

ġdid jagħtih l-isem ta' Abraham u lil martu Saraj jagħtiha l-isem ta' Sara. Il-mudell għall-plott huma l-kapitli 11–25 tal-Ktieb tal-Ġenesi.

Ġakobb

Ġakobb huwa film televiżiv tal-1994, miġbud fil-Muntanji Atlas fil-Marokk u dirett minn Peter Hall li fih jieħdu sehem Matthew Modine bħala Ġakobb, Lara Flynn Boyle bħala Rakel, u Sean Bean bħala Għesaw. Huwa bbażat fuq ir-rumanz Giacobbe ta' Francesco Maria Nappi, li min-naħa tiegħu huwa bbażat fuq rakkont bibliku mill-Ktieb tal-Ġenesi dwar Ġakobb.

Ġakobb iqarraq b'ħuh it-tewmi Għesaw u jaħrab. F'Ħaran isir jaf lil kuġintu Rakel, u jħobbha. Snin ta' xogħol iebes wara jiżżewweġ lil Rakel u jirrikonċilja ma' ħuh Għesaw.

Mosè

Mosè hija miniserje televiżiva ta' dramm Bibliku prodotta internazzjonalment fl-1995, diretta minn Roger Young, miktuba minn Lionel Chetwynd, u li fiha jieħdu sehem Ben Kingsley fil-parti ta' Mosè, Frank Langella fil-parti ta' Merneptah (il-Fargħun) u Christopher Lee fil-parti ta' Ramses II. Din ukoll inġibdet fil-Marokk.

Imrobbi fil-qorti tal-Fargħun Ramses II, biex jaħrab mill-persekuzzjoni tal-Lhud li kienu marru joqogħdu l-Eġittu, Mosè jiskopri li

Għall-Induraturi

Deheb, fidda, aluminium u artikli kollha ghall-induratura

Miftuħin mit-Tnejn sal-Ġimgħa
mit-8.30a.m. sal- 5.00p.m.

100 YEARS
1923 - 2023

E. THEUMA & COMPANY LTD.

Theuma House, 302, St. Paul Street, Valletta VLT 1213
Tel: +356 2123 4075 / +356 2123 6605
Email: info@etheuma.com www.etheuma.com

hu Lhudi, iwettaq delitt fid-difiża ta' skjav Ebrew, u jaħrab fid-deżert biex jaħrab mill-kastig għall-qtil. Hemmhekk, jiżżewweġ lil Zippora, mara Midjana, u jkollu żewġ subien magħha; iżda ġurnata waħda, waqt li jkun qed jirgħa l-merħla tiegħu, Alla jidhirlu u jitolbu biex imur lura l-Eġittu biex jeħles lill-poplu tiegħu, l-Ebrej, u jwassalhom lejn l-art imwiegħda.

Meta l-Fargħun il-ġdid Merneptah jirrifjuta li jeħles lill-poplu Ebrew u jirdoppja x-xogħol tal-ilsiera tagħhom, Mosè, bid-direzzjoni ta'Alla, jibgħat l-għaxar kastigi fuq l-Eġittu: l-ilma tan-Nil mibdul f'demm, żrinġijiet, nemus, dubbien, ulċeri, silġ, qtil tal-bhejjem, ġradi, tlett ijiem ta' dlam, u l-mewt tal-ewwel imwieled subien tal-Eġizzjani. Dan il-kastig finali, li kien se jolqot ukoll lil bin il-Fargħun, se jġiegħel lill-ħakkiem jibdel fehmtu.

Ladarba nħeles mill-ktajjen tal-jasar, dan il-poplu pproklama dak il-jum bħala l-Għid Lhudi tal-ħelsien. Qasmu l-Baħar l-Aħmar, jaħarbu mill-Eġizzjani, li marru warajhom iżda ma rnexxilhomx joqtluhom, u wara 50 jum waslu sal-Muntanja Sinaj, fejn Mosè, rċieva mingħand Alla t-twavel tal-liġi, it-Torah bl-Għaxar Kmandamenti, li kienu se jiggwidawhom fl-Art ta' Kangħan.

San Pietru

San Pietru hija miniserje televiżiva imxandra għall-ewwel darba fl-24 ta' Ottubru 2005 u l-25 ta' Ottubru 2005 fuq Rai 1, diretta



minn Giulio Base u ffukata fuq l-istorja tal-appostlu Xmun Pietru. Il-parti ta' San Pietru hija interpretata minn Omar Sharif.

San Pietru, mexxej inċert iżda mimli passjoni, mill-Krucifissjoni ta' Ġesù sal-mewt tiegħu stess. L-ewwel taqsima tal-film tiddrammatizza l-"Atti" tat-Testment il-Ġdid: biża' bikri, it-tiġdid ta' Pentekoste, il-konverżjoni ta' Sawl, id-deċiżjoni li jgħammed lill-pagani, u t-tixrid tal-Appostli. Fit-tieni taqsima, Pietru xwejjaħ imur Ruma biex jingħaqad ma' Pawlu, u jasal fil-jum tal-arrest ta' Pawlu. Il-mewt ta' Pawlu ġġib kriżi għall-Insara ta' Ruma u għal Pietru; memorji mill-esperjenza tiegħu ma' Ġesù u mit-tagħlim tal-Imgħallem jiggwidaw id-deċiżjoni tiegħu li jibqa' hemm. Avvenimenti misthajla fid-dar ta' Persju, aristokratiku Ruman, juru t-taqlib li t-tagħlim Nisrani jġib fil-Belt Eterna.

L-Appostlu mbagħad jiġi mkaxkar quddiem Neruni, li jżebilħu, billi jqisu mhux denju ta' mexxej tal-komunità. Għalhekk, fid-29 ta' Ġunju tas-sena 67 WK, is-suldati jġibdu lil Pietru lejn l-Għolja tal-Vatikan fejn, fuq talba tiegħu, sallbuh rasu 'l isfel: Pietru, fil-fatt, ma qiesx lilu nnifsu denju li jmut bħal Sidu. Marku xerred il-messaġġ tiegħu, miktub bħala l-Evanġelju, u Linus sar it-tieni Papa.

Diversi snin wara, fuq l-istess għolja Rumana fejn ġie msallab, inbniet il-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan, fejn Pietru huwa midfun bħala l-ewwel Papa u l-kustodju tal-imfietaħ tas-Sema.

Siltiet oħra...

Tardi t'Amai

Din is-silta hija parti mill-album Testimoni di Speranza maħruġ fis-sena 2025, is-Sena tal-Ġublew. Fiha Mons. Marco Frisina fittex li jesprimi u jkanta l-imħabba tiegħu għal Kristu, it-tama tad-dinja, li l-ħniena tiegħu

@jbdepartmentstores jbstoresonline.com

JB STORES

MAKING YOUR LIFE AFFORDABLE

OPEN ALL DAY

JB stores, Triq Haz- Zabbar, Il-Fgura

2180 5781

CURTAINS
HOME DECOR
HOME TEXTILES
HABERDASHERY
HOUSEHOLD GOODS

L-IKLIN SAN ĠWANN SLIEMA IL- FGURA IL -ĦAMRUN SAN PAWL IL BAĦAR TA' XBIEX IS-SWIEQI GĦAWDEX

hija salvazzjoni mogħtija lill-popli kollha; l-imħabba tiegħu għall-Knisja, li tiddi bħall-ġharusa maħbuba, omm ta' dawk li jemmnu u pellegrina tat-tama; u l-imħabba tiegħu għal diversi qaddisin, antiki u moderni, li x-xhieda tagħhom għadha tiddi għalina llum.

Din is-silta partikolari hija parti mill-Kitbiet tal-isqof Santu Wistin, li fil-Ktieb tal-Istqarrijiet jirrakkonta l-Konverżjoni tiegħu li seħħet madwar is-sena 386 u ġie mgħammed mill-Isqof San Ambroġ fil-Vġili tal-Għid, 24 ta' April 387.

Huwa jikteb: *Kemm ħabbejtek tard, ja ġmiel hekk qadim u hekk ġdid, kemm ħabbejtek tard! U ara, inti kont ġewwa fija u jiena 'l barra minni nnifsi. Fittixtek hemm barra, u jien, bla sura ta' xejn, intfajt kollni kemm jien fuq il-ħafna suriet sbieħ li int għamilt. Kont miegħi, u jien ma kontx miegħek. Żammewni 'l bogħod minnek dawk l-istess ħwejjeġ li ma kienx ikollhom eżistenza kieku ma jeżistux fik. Int sejjaħtli u għajjattli, u fqajt il-widnejn torox tiegħi; bħal berqa xħett id-dija tiegħek fuqi u keċċejt l-għama tiegħi; xerridt il-fwieħa tiegħek, u jien ġbidt nifs 'il ġewwa, kollni mxennaq għalik; doqtok, u issa jiena mġewwaħ u għatxan għalik; missejtni, u jien tħeġġiġt għas-sliem tiegħek.*

F'dan it-test huwa jesprimi d-dispjaċir tiegħu li skopra l-imħabba ta' Alla tard f'ħajtu u jirrifletti dwar din is-sejba ta' Alla u x-xewqa għall-paċi Tiegħu, b'referenza wkoll għas-sorsi li kien qed ifittxu fihom.

Nada te Turbe

Din hija għanja silta sagra famuża komposta minn Mons. Marco Frisina. Fiha arranġament korali u orkestali qawwi, li oriġinarjament inħarġet fl-2001 fuq l-album tiegħu *Joy to the World*, u kantata mill-kantanta Taljana Mina.

Din it-talba nstabet wara l-mewt ta' Santa Tereża ta' Ġesù, bil-kitba tagħha stess, imniżżel bħala tfakkira personali jew tip ta' sinjal fil-marġini tal-Brevjar personali tagħha (ktieb tat-talb liturġiku).

Is-silta bil-Malti hija din li ġejja:

Tħallix xi jtaqqlek
Tħallix xi jbeżżgħek.
Min għandu 'l Alla ma jonqsu xejn.
Tħallix xi jtaqqlek
Tħallix xi jbeżżgħek
Alla waħdu kollox

Din it-talba tirrifletti temi ċentrali tal-ispiritwalità ta' Santa Tereża, bħalma huma l-fiduċja f'Alla, d-distakkament mill-ansjetajiet tad-dinja, l-perseveranza fit-talb, u s-suffiċjenza ta' Alla biss.

Hemm xi diskussjoni akkademika dwar l-istorja testwali eżatta u jekk Tereża kitbitx kull linja eżattament kif ġiet trażmessa aktar tard, iżda t-talba ġiet aċċettata għal sekli sħaħ fit-tradizzjoni Karmelitana bħala awtentikament Tereżjana fl-ispirtu u l-oriġini.

La Via Dei Martiri

Il-Kompożizzjoni *La Via Dei Martiri* hija waħda orkestali strumentali minn idejn Mons. Frisina. Hu ikkomponieha għall-Jum Dinji taż-Żagħżagħ tas-sena 2000, u kienet parti milll-album tiegħu tal-2009 *Alba Romana (un omaggio a Roma).*

Is-silta tevoka l-memorja tal-martri Kristjani bikrin ta' Ruma u ħafna drabi hija assoċjata mar-rotot ta' pellegrinaġġ antiki li jwasslu għall-katakombi Rumani u l-oqbra tal-martri. Hija tibda bħala lamentazzjoni ta' niket u wġigħ, iżda dik l-istess tema timtela bil-kuraġġ u t-tama, sakemm issir għanja ta' glorja u trijonf bl-Alleluia. It-Triq tal-Martri hija preċiżament din: marċ lejn is-Saltna ta' Alla permezz tat-tbatija u l-fidi.

KANTINA

cafè & wine

Misraħ San Ġwann, Valletta
+356 99131035
info@kantinamalta.com

Ringrazzjamenti

Ministeru għat-Turiżmu
Ministru Keith Azzopardi Tanti
Kunsill Lokali Valletta
Kunsill Reġjonali Port
Rausi Ltd
Tonio Camileri (Camilleri & Sons Ltd.)
Mons. Claude Portelli, Ariċpriet tal-Katidral Metropolitan tal-Imdina
Mons. Paul C. Vella, Rettur tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann
Mons. Edgar Vella, Kuratur tal-Mużew tal-Katidral tal-Imdina
Bażilika Santa Marija tal-Mosta
Net Television
Public Broadcasting Services
Sur Alfred Zammit (Kalamita)
Rev. Arċipriet Kan David Cilia, Parroċċa San Pawl Nawfragu, Il-Belt Valletta
Dr Gavin Gulia, Chairman Awtorità Maltija tat-Turiżmu
Sur Charles Polidano (Montekristo)
Sur Julian Sammut
Għadd kbir ta' Sponsors, Voluntiera u Ammiraturi

Sponsors Uffiċjali

Riklami

5 Beans 8
Alliance 12
Barigozzi 28
Beati Paoli 20
Brijju 4
Café Capitolino 42
Café Regina 48
Camilleri Catering 14
Camilleri tal-Helu . inside back cover
Cheers 36
Cisk 2
Croce Bonaci Caterers 46
Cutrico 16
E.Theuma & Co. Ltd. 54
The Floral Designer 28
Frank Zampa ..... back cover
Giolleria Zampa .... inside front cover
Hypons-Vitafoam 36
I Pupi 44
JB Stores 56
Kantina 58
La Valette Bar & Restaurant 26
Lucentini 48
Lucia by Grano 22
Luciano 42
Mina's 38
Montaldo Insurance 18
Palazzo Preca 40
Radici 10
San Paolo Naufrago 52
Sonia Hair Studio 7
Square Consulting Ltd. 6
Tal-Hwawar 22
The Floral Designer 28
TuttoSport 30
Twistees 50
Vigo 38

#Tastes Heavenly



Shop our dessert selection online

WWW.CCAMILLERIANDSONSLTD.COM.MT

CAMILLERI TAL-HELU

Frank Zampa